MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 525/2005

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**Grezio Farrugia u Jeffrey Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta’ Ottubru tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenuti fuq indikati, quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu, (LM3,782.83,0), rapprezentanti kumpens ta’ danni sopportati mis-socjeta’ attrici sabiex tigi sodisfatta r-responsabbilita’ tal-persuna koperta bil-polza

u konsegwentement ghas-sentenzi decizi minn din l-Onorabbli Qorti u mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar rispettivament fl-ismijiet ‘Atlas Insurance Agency Limited et vs Jeffrey Farrugia’, (208/04 GG), u ‘Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jeffrey Farrugia’, (118/04 PM), u liema somma s-socjeta’ attrici ghandha d-dritt tiehu lura mill-konvenuti jew min minnhom skond il-ligi kif ukoll skond il-polza;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-24 ta’ Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, Grezio Farrugia ma kienx parti fis-sentenzi citati fl-avviz u ma kellu l-ebda responsabbilita’ tal-habta;

2. Illi fit-tieni lok, il-vettura kienet inxurjata mhux biex l-assikurazzjoni thallas imbghad tigbor il-flus li tkun hallset that kuntratt ta’ assikurazzjoni li fih l-assikurazzjoni trid tiehu r-riskju ghall-premium li tircievi u ghalhekk ma huwa dovut xejn minn Jeffrey Azzopardi;

Rat il-verbal tal-konvenuti datat it-28 ta’ Frar tas-sena 2006 fejn talbu l-korrezzjoni hemm riferita;

Rat id-digriet taghha ta’ l-istess data fejn wara n-nuqqas t’oppozizzjoni tas-socjeta’ attrici intlaqghet it-talba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti lit aw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incipit tal-procedura odjerna tmur lura ghall-incident awtomobilistiku datat it-28 ta' Gunju tas-sena 2003 li fih kienu involuti tlett (3) vetturi senjatament dik bin-numru ta' registrazzjoni IAB – 823 proprjeta' ta' Grezio Farrugia li fil-mument ta' l-incident kien assigurat mas-socjeta' attrici, liema vettura pero', kienet qed tigi misjuqa minn Jeffrey Farrugia;

2. Illi fil-mument ta' l-incident fuq riferit dan Jeffrey Farrugia kien ghad kellu biss wiehed u ghoxrin (21) sena u ma jirrizultax li kien kopert mill-polza ta' l-assikurazzjoni relattiva;

3. Illi sussegwentement is-socjetajiet assikurattrici tal-vetturi l-ohra involuti fl-istess incident intavolaw proceduri legali idonei biex jittutelaw il-pozizzjoni taghhom liem aproceduri gew debitament decizi favur dawn is-socjetajiet u allura l-imsemmi Jeffrey Farrugia gie akkollat bir-responsabbilita' gudizzjarja ghall-incident;

4. Illi konsegwentement is-socjeta' attrici kellha taghmel tajjeb ghal dawn id-danni hekk ikkagunati, (ara fol 11), peress li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAB – 823 fuq indikata kienet assikurata mas-socjeta' attrici odjerna fil-kategorija "third party" (ara fol 11), u dan fid-dawl ta' l-artikolu 12 tal-Kap 104;

5. Illi l-procedura odjerna hi ndirizzata wkoll fil-konfront tal-konvenut Grazio Farrugia li jirrizulta abbundantement assodat li kien estraneu ghall-incident tat-28 ta' Gunju tas-sena 2003 fuq riferit peress li bi ksur ta' l-obbligu kontrattwali tieghu, hu ippermetta persuna that l-eta' ta' hamsa u ghoxrin (25) sena isuq il-vettura proprjeta' tieghu u mertu tal-vertenza odjerna;

6. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jkopru s-somma taz-zewg kawzi flimkien ma' l-ispejjez

dovuti (ara fol 11) liema ammont hu wkoll suffragat minn dokumentazzjoni kopjuza, (ara fol 13-29) u 31-36);

7. Illi peress li l-konvenuti qatt ma wrew interess jiddjalogaw mas-socjeta' attrici, din kellha tirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghaliex ma tistriehx fuq ix-xhieda u fuq id-dokumentazzjonijiet kopjuzi pprezentati mis-socjeta' attrici;

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata ghandu jinghad li l-procedura odjerna mhix naxxenti u allura mhix marbuta ma proceduri precedenti;

Illi n-ness li jezisti bejn il-konvenut Grezio Farrugia u s-socjeta' attrici jirrizulta mill-polza ta' l-assikurazzjoni u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi ghal kollox irrilevanti;

Illi rigward it-tieni eccezzjoni sollevata ghandu jinghad li ma taqbel assolutament xejn ghaliex ir-relazzjoni guridika tiddependi mill-klawsoli pattwiti bejn il-partijiet fl-istess polza assikurattiva u l-ebda difiza ta' dan it-tip riskontrat fit-tieni eccezzjoni ma tregi;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-ezzezzjonijiet tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Grezio Farrugia u jeffrey Farrugia biex ihallsu lis-socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c. s-somma ta' tlett elef, seba' mija u tnejn u tmenin Lira maltin u tlieta u tmenin centezmu, (Lm3,782.83,0), rapprezentanti kumpens ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici fuq indikata kif spjegata fl-avviz promotur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------